II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/12

tat-8 ta' Jannar 2018

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2017/1509 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1509 tat-30 ta' Awwissu 2017 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika Demokratika tal-Poplu tal-Korea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 329/2007 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 47(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fit-30 ta' Awwissu 2017, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/1509.

(2) Fit-22 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti adotta r-Riżoluzzjoni 2397(2017) li żiedet sittax-il persuna u entità mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għal miżuri restrittivi.

(3) L-Anness XIII għar-Regolament (UE) 2017/1509 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness XIII għar-Regolament (UE) 2017/1509 huwa b'dan emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Jannar 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

E. KRALEVA

([1]) ĠU L 224, 31.8.2017, p. 1.

ANNESS

Il-persuni u l-entità li ġejjin jiżdiedu mal-lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 34(1) u 34(3) kif stabbilit fl-Anness XIII tar-Regolament (UE) 2017/1509:

(a) Persuni fiżiċi

	Isem	Magħruf ukoll bħala	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni min-NU	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet
64.	CH'OE SO'K MIN		Data tat-twelid: 25.7.1978 Ċittadinanza: RDPK Sess: Raġel	22.12.2017	Ch'oe So'k-min huwa rappreżentant barrani tal-Foreign Trade Bank. Fl-2016, Ch'oe So'k-min kien il-viċi rappreżentant tal-uffiċċju tal-fergħa tal-Foreign Trade Bank f'dik il-lokalità barranija. Huwa kien assoċjat ma' trasferimenti ta' flus kontanti minn dak l-uffiċċju barrani tal-Foreign Trade Bank lejn banek affiljati ma' organizzazzjonijiet speċjali tal-Korea ta' Fuq u operattivi tar-Reconnaissance General Bureau f'lokalitajiet barranin fi sforz sabiex jiġu evitati sanzjonijiet.
65.	CHU HYO'K	Ju Hyok	Data tat-twelid: 23.11.1986 Nru tal-passaport 836420186 maħruġ fit-28.10.2016, jiskadi fit-28.10.2021. Ċittadinanza: RDPK Sess: Raġel	22.12.2017	Chu Hyo'k huwa ċittadin Nord Korean li huwa rappreżentant barrani tal-Foreign Trade Bank.
66.	KIM JONG SIK	Kim Cho'ng-sik	Sena tat-twelid: 1967-1969. Ċittadinanza: RDPK Sess: Raġel Indirizz: RDPK	22.12.2017	Uffiċjal ewlieni li jiggwida l-isforzi ta' żvilupp tal-AQM tar-RDPK. Iservi bħala Viċi Direttur tal-Partit tal-Ħaddiema tad-Dipartiment tal-Industrija tal-Munizzjonijiet tal-Korea.
67.	KIM KYONG IL	Kim Kyo'ng-il	Lokalità: il-Libja Data tat-twelid: 1.8.1979 Nru tal-passaport 836210029. Ċittadinanza: RDPK. Sess: Raġel	22.12.2017	Kim Kyong Il huwa l-viċi kap rappreżentant tal-Foreign Trade Bank fil-Libja.
68.	KIM TONG CHOL	Kim Tong-ch'o'l	Data tat-twelid:28.1.1966 Ċittadinanza: RDPK Sess: Raġel	22.12.2017	Kim Tong Chol huwa rappreżentant barrani tal-Foreign Trade Bank.
69.	KO CHOL MAN	Ko Ch'o'l-man	Data tat-twelid: 30.9.1967 Nru tal-passaport 472420180 Ċittadinanza: RDPK Sess: Raġel	22.12.2017	Ko Chol Man huwa rappreżentant barrani tal-Foreign Trade Bank.

	Isem	Magħruf ukoll bħala	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-dežinjazzjoni min-NU	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet
70.	KU JA HYONG	Ku Cha-hyo'ng	Lokalità: il-Libja Data tat-twelid: 8.9.1957 Ċittadinanza: RDPK Sess: Raġel	22.12.2017	Ku Ja Hyong huwa l-kap rappreżentant tal-Foreign Trade Bank fil-Libja.
71.	MUN KYONG HWAN	Mun Kyo'ng-hwan	Data tat-twelid: 22.8.1967 Nru tal-passaport 381120660, jiskadi fil-25.3.2016. Ċittadinanza: RDPK Sess: Raġel	22.12.2017	Mun Kyong Hwan huwa rappreżentant barrani tal-Bank of East Land.
72.	PAE WON UK	Pae Wo'n-uk	Data tat-twelid: 22.8.1969 Ċittadinanza: RDPK Nru tal-passaport 472120208, jiskadi fit-22.2.2017 Sess: Raġel	22.12.2017	Pae Won Uk huwa rappreżentant barrani tal-Bank Daesong.
73.	PAK BONG NAM	Lui Wai Ming; Pak Pong Nam; Pak Pong-nam	Data tat-twelid: 6.5.1969. Ċittadinanza: RDPK Sess: Raġel	22.12.2017	Pak Bong Nam huwa rappreżentant barrani tal-Ilsim International Bank.
74.	PAK MUN IL	Pak Mun-il	Data tat-twelid 1.1.1965 Nru tal-passaport 563335509, jiskadi fis-27.8.2018. Ċittadinanza: RDPK Sess: Raġel	22.12.2017	Pak Mun Il huwa uffiċjal barrani tal-Korea Daesong Bank.
75.	RI CHUN HWAN	Ri Ch'un-hwan	Data tat-twelid: 20.8.1965 Nru tal-passaport 563233049, jiskadi fil-11.3.2019. Ċittadinanza: RDPK Sess: Raġel	22.12.2017	Ri Chun Hwan huwa rappreżentant barrani tal-Foreign Trade Bank.
76.	RI CHUN SONG	Ri Ch'un-so'ng	Data tat-twelid: 30.10.1965 Nru tal-passaport 654133553, jiskadi fil-11.3.2019. Ċittadinanza: RDPK Sess: Raġel	22.12.2017	Ri Chun Song huwa rappreżentant barrani tal-Foreign Trade Bank.

	Isem	Magħruf ukoll bħala	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Data tad-deżinjazzjoni min-NU	Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet
77.	RI PYONG CHUL	Ri Pyo'ng-ch'o'l	Sena tat-twelid: 1948 Ċittadinanza: RDPK Sess: Raġel Indirizz: RDPK	22.12.2017	Membru supplenti tal-Bureau Politiku tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Korea u l-Ewwel Viċi Direttur tad-Dipartiment tal-Industrija tal-Munizzjon
78.	RI SONG HYOK	Li Cheng He	Data tat-twelid: 19.3.1965 Ċittadinanza: RDPK Sess: Raġel	22.12.2017	Ri Song Hyok huwa rappreżentant barrani għall-Koryo Bank u Koryo Credit Development Bank u ġie rrapurtat li stabbilixxa kumpanniji tal-isem biex jakkwista oġġetti u jwettaq transazzjonijiet finanzjarji f'isem il-Korea ta' Fuq.
79.	RI U'N SO'NG	Ri Eun Song; Ri Un Song	Data tat-twelid: 23.7.1969 Ċittadinanza: RDPK Sess: Raġel	22.12.2017	Ri U'n-so'ng huwa rappreżentant barrani tal-Korea Unification Development Bank.

(b) Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi

	Isem	Magħruf ukoll bħala	Lokalità	Data tad-deżinjazzjoni min-NU	Informazzjoni oħra
54.	MINISTERU GĦALL-FORZI ARMATI TAL-POPLU (MPAF)		Pyongyang, RDPK	22.12.2017	Il-Ministeru għall-Forzi Armati tal-Poplu jimmaniġġja l-ħtiġijiet amministrattivi u loġistiċi ġenerali tal-Armata tal-Poplu Korean.